



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.5.2015
COM(2015) 200 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Il-Ħames Rapport ta' Progress dwar l-Implimentazzjoni mill-Ukrajna tal-Pjan ta'
Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża**

{SWD(2015) 104 final}

I. DAĦLA

L-Unjoni Ewropea nediet djalogu ta' liberalizzazzjoni tal-viża mal-Ukrajna fl-2010. Fit-22 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat lill-gvern Ukrain Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża (PALV). Dan stabbilixxa l-parametri referenzjarji li l-Ukrajna għandha tissodisfa sabiex ċittadini Ukraini li jkollhom passaporti bijometriċi jkunu jistgħu jidħlu fiż-żona Schengen għal soġġorni qosra mingħajr il-ħtieġa ta' viża.

Wara r-raba' rapport tal-Kummissjoni (27 ta' Mejju 2014)¹ u approvazzjoni tiegħu mill-Kunsill (23 ta' Ġunju 2014), l-Ukrajna uffiċjalment qiegħda fit-tieni fażi tal-pjan ta' azzjoni fejn se jiġi vvalutat l-istat tal-implimentazzjoni tal-qafas leġislattiv u ta' politika. Skont il-metodoloġija spjegata fil-PALV, il-Kummissjoni organizzat evalwazzjonijiet fuq il-post bl-involvement ta' esperti mill-Istati Membri.

Minn Settembru tal-2014 sa Marzu tal-2015, il-Kummissjoni mexxiet missjonijiet ta' evalwazzjoni f'kull waħda mill-erba' blokk tal-PALV, bl-assistenza ta' esperti mill-Istati Membri, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u d-Delegazzjoni tal-UE għall-Ukrajna.

Dan huwa l-ewwel rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-PALV mill-Ukrajna. Huwa jindirizza kif b'mod effettiv u sostenibbli l-implimentazzjoni tal-parametri referenzjarji tal-ewwel fażi ġew indirizzati mill-Gvern tal-Ukrajna. Ir-rapport huwa akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni², li jelabora dwar l-iżviluppi deskritti fir-rapport. Fl-Anness tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, kif mitlub mill-metodoloġija tal-PALV, il-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni bbażata fuq analiżi fattwali u statistika dwar l-impatti migratorji u ta' sigurtà mistennija tal-liberalizzazzjoni futura tal-viża. Id-dejta u l-informazzjoni disponibbli jagħtu x-xejriet prospettivi ewlenin fl-oqsma tal-migrazzjoni u tas-sigurtà, li juru li l-UE hija destinazzjoni attraenti għal migranti mill-Ukrajna u li hemm sfidi ta' sigurtà li għandhom jiġu mmonitorjati.

2. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURI SKONT L-ERBA' BLOKK TAL-PJAN TA' AZZJONI DWAR IL-LIBERALIZZAZZJONI TAL-VIŻA

2.1. Blokk 1: Is-sigurtà tad-dokumenti, inkluża l-bijometrika

Sar pass importanti mit-12 ta' Jannar 2015 permezz tal-ħruġ ta' passaporti ordinarji bijometriċi li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali. Kien hemm titjib sostanzjali u sar progress sinifikanti dwar il-livell għoli ta' integrità u sigurtà tal-applikazzjoni, il-personalizzazzjoni u d-distribuzzjoni tal-passaporti internazzjonali. L-istess jgħodd għal passaporti domestiċi u dokumenti oriġinaturi oħra. Beda rappurtar fil-ħin u sistematiku lill-bażi tad-dejta tal-Interpol dwar passaporti mitlufin u misruqin u dan il-parametru referenzjarju jista' jitqies bħala li qed jiġi ssodisfat.

Il-parametru referenzjarju tad-dokument ta' sigurtà hu meqjus li kważi ntlaħaq. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna:

¹ COM(2014) 336 finali.

² COM(2015) 104 finali.

- Jiżguraw li l-punti ta' kontroll tal-fruntiera jkunu mgħammra biex iwettqu kontrolli tat-tieni linja bl-użu tal-marki tas-swaba.
- Rigward il-proċess ta' applikazzjoni u l-istabbiliment tal-identità tal-applikant, il-konnessjoni ta' dak l-Istat ta' qabel mal-bażi tad-dejta tas-Servizz tal-Migrazzjoni għall-parti operazzjonali tar-Reġistru Demografiku tal-Istat Unifikat għall-ħruġ ta' passaporti bijometriċi għandha tiġi implimentata mill-aktar fis possibbli. Għandu jkun hemm rabta awtomatika mal-bażi tad-dejta rilevanti sabiex tiġi vverifikata s-sitwazzjoni tal-applikant fir-rigward ta' rekords kriminali.
- Jiġu implimentati miżuri biex jiġġieldu b'mod effettiv l-effetti sekondarji possibbli tal-bdil tal-isem.

2.2. Blokk 2: Ġestjoni integrata tal-fruntieri, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-ażil

2.2.1 Ġestjoni integrata tal-fruntieri

L-awtoritajiet tal-Ukrajna qed jiffaċċjaw sfida enormi umana u finanzjarja minħabba li r-riżorsi tagħha qed jiġu diretti mill-ġdid lejn is-sigurtà tal-fruntieri tal-Lvant. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jkun żgurat il-kontroll effettiv tal-linja amministrattiva għall-Krimea/Sevastopol u l-linja ta' kuntatt fil-Lvant tal-Ukrajna. Bl-eċċezzjoni tal-fruntieri tal-Lvant, il-ġestjoni tal-fruntieri b'mod ġenerali hi ta' livell ta' implimentazzjoni tajjeb³.

Il-parametru referenzjarju tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri hu meqjus li kważi ntlaħaq. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna:

- Jiżguraw aċċess għal bażijiet tad-dejta tal-Interpol f'punti ta' qsim tal-fruntiera.
- Itejbu l-effiċjenza tal-kontroll tal-fruntieri permezz tal-implimentazzjoni ta' rondi konġunti għas-sorveljanza tal-fruntieri u billi jiżviluppaw kooperazzjoni fil-verifiki fuq il-fruntiera f'punti ta' qsim ta' fruntieri kondiviżi ma' pajjiżi ġirien.
- Jimplimentaw l-istrateġiji dwar il-ġestjoni integrata tal-fruntieri u l-pjanijiet ta' azzjoni, inkluż it-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, l-iskambju ta' dejta bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, u l-introduzzjoni ta' metodoloġija ta' analiżi tar-riskju żviluppata u deċiżi mil-livell ċentrali.

2.2.2 Il-ġestjoni tal-migrazzjoni

Il-leġislazzjoni qiegħda fis-seħħ. Madankollu, is-sitwazzjoni fil-Lvant tal-Ukrajna u r-restrizzjonijiet baġitarji għandhom impatt fuq l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-migrazzjoni fil-prattika. L-interazzjoni u l-kooperazzjoni bejn is-Servizz tal-Istat tal-Migrazzjoni, il-Gwardjani tal-Istat tal-Fruntiera u l-aġenziji tax-xogħol taħdem tajjeb. Skont ir-Regolament tal-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna tal-5 ta' April 2014, tnaqqas il-persunal tas-Servizz tal-Istat tal-Migrazzjoni. Bħala konsegwenza tar-riorganizzazzjoni, ġiet stabbilita unità għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari. Għadha mhix implimentata biżżejjed id-detezzjoni fil-pajjiż ta' migranti irregolari minħabba nuqqas ta' persunal fis-Servizz tal-Istat tal-Migrazzjoni. L-Ukrajna ffirmat ftehimiet ta' riammissjoni mal-Federazzjoni Russa, il-

³ Filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu s-sitwazzjoni speċifika f'partijiet tal-fruntiera, ma saritx valutazzjoni tas-sitwazzjoni fil-fruntieri tal-Lvant.

Georgia, l-Uzbekistan, it-Turkmenistan, ir-Repubblika tal-Moldova, u pajjiżi oħra. Minn Settembru 2014, ġew konklużi b'kolloxx 17-il ftehim ta' riammissjoni.

Il-parametru referenzjarju tal-ġestjoni tal-migrazzjoni hu meqjus li kważi ntlaħaq. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna:

- Jadottaw il-liġi dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema esterni mill-aktar fis possibbli; dan jirregola l-kwistjonijiet ta' reintegrazzjoni fuq il-livell leġiżlattiv. L-iskema l-ġdida dwar ir-responsabbiltajiet, l-awtoritajiet kompetenti, il-miżuri u l-kompiti għandha tkun ippreparata immedjatament wara l-adozzjoni.
- Iżidu l-kapaċità tas-Servizz tal-Istat tal-Migrazzjoni fi proċeduri ta' detezzjoni fuq l-art.
- Isaħħu t-taħriġ tal-lingwa għall-persunal tas-Servizz tal-Istat tal-Migrazzjoni.
- Ilestu profili tal-migrazzjoni tal-2014 u jstabilixxu 'ċentru analitiku ta' kuntatt' u l-bażi tad-dejta għall-monitoraġġ tal-proċessi ta' migrazzjoni.

2.2.3 Ażil

Il-leġiżlazzjoni dwar l-ażil tjiebet, iżda għad hemm hteġa għal emendi għal-leġiżlazzjoni eżistenti u l-implimentazzjoni tagħha sabiex jintlaħqu l-parametri referenzjarji. Il-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' akkoljenza huma tajbin, iżda ċerti aspetti għandhom jitjiebu. Saru sforzi fir-rigward tal-integrazzjoni tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, iżda l-aċċess għall-impjieg u l-livell ta' assistenza soċjali jistgħu jiġu mtejba. Hemm kooperazzjoni tajba bejn il-livelli ċentrali u dawk reġjonali tas-Servizz tal-Istat tal-Migrazzjoni, iżda hemm lok għal simplifikazzjoni tal-proċedura tal-ażil u biex tinkiseb effikaċja akbar fuq il-livelli reġjonali.

Il-parametru referenzjarju dwar l-ażil huwa meqjus li ntlaħaq parzjalment, iżda bi prospettu tajbin għal aktar progress. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna:

- Ikomplu jipprovdu għajnuna legali primarja lil persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali u jippreparaw għall-implimentazzjoni tal-provvediment ta' assistenza legali sekondarja mingħajr ħlas li tibda mill-aktar fis possibbli, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2017.
- Jistabilixxu s-sottosistema ta' 'rifuġjat' fil-bażi tad-dejta tal-barranin u jżidu l-effiċjenza tal-użu ta' informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini. Dan għandu jsir billi jergġu jwaqqfu l-unità tal-pajjiżi tal-oriġini jew jiġu assenjati uffiċjali biex jistabilixxu u jimmaniġġjaw bażi tad-dejta aġġornata u oġġettiva tal-pajjiż tal-oriġini.
- Jiċċaraw ir-raġunijiet legali għad-detenzjoni ta' persuni li jfittxu protezzjoni internazzjonali u jiżguraw il-prijoritizzazzjoni tal-każijiet tagħhom.
- Jistabilixxu regoli dwar l-istatus, id-drittijiet u l-obbligi ta' dawk il-barranin li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati, iżda li ma jkunux intitolati għall-protezzjoni internazzjonali.
- Jipprovdu l-fondi neċessarji għal titjib sostenibbli ta' ċentri ta' akkomodazzjoni temporanja għal nies li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali u għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. B'mod partikolari, għandu jinfetħ iċ-ċentru ta' akkomodazzjoni temporanja f'Yahotyn (Kyiv Oblast) u

għandhom ikomplu x-xogħolijiet biex jiġi modernizzat iċ-ċentru ta' akkoljenza f'Odessa. L-ammont ipprovdut għall-ikel hu baxx wisq - UAH 12 (inqas minn EUR 1) għal kull persuna, kuljum - u għandu jiżdied.

- Itejbu t-taħriġ ta' persunal li jaħdem f'ċentri ta' akkoljenza, inkluż taħriġ fil-lingwa, u taħriġ għall-imħallfin.

2.3. Blokk 3: L-ordni pubblika u s-sigurtà

2.3.1. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u l-korruzzjoni

2.3.1.1. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata

L-Ukrajna bdiet riforma kumplessa tal-Ministeru tal-Intern, li rristrutturat il-ħidma tal-aġenziji responsabbli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Fi Frar tal-2015, il-parlament adotta liġi dwar ir-riforma tal-korpi interni. Għaldaqstant, il-GUBOZ, id-dipartiment ewlieni għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ġie abolit. Fil-proċess ta' riforma, flimkien mal-Ministeru tal-Infurmazzjoni, is-Servizz tas-Sigurtà żamm is-setgħat investigattivi u ta' qabel il-proċess biex jiġġieled kontra l-kriminalità organizzata. Ir-riforma tipprovd i għat-twaqqif ta' korp addizzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata — l-Uffiċċju tal-Istat għall-Investigazzjoni.

Fuq il-bażi tar-riżultanzi ta' hawn fuq, il-**parametru referenzjarju huwa meqjus li ntlaħaq biss parzjalment, iżda bi prospetti tajbin għal aktar progress.** Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna:

- Jiżguraw viżjoni u direzzjoni globali tal-proċess ta' riforma, u jikkonsolidaw il-pjanijiet ta' azzjoni eżistenti fi pjan ta' azzjoni wieħed u strutturat tajjeb li jippermetti r-rintraċċar tal-progress.
- Jistabilixxu approċċ ta' ġustizzja kriminali kemm għall-forzi tal-infurzar tal-liġi kif ukoll tal-prosekuzzjoni biex jiddeterminaw il-prijoritajiet u jiddistribwixxu r-riżorsi skont il-prijoritajiet.
- Jieħdu passi biex jirrifurmaw il-proċess investigattiv sabiex tiġi stabbilita katina ċara ta' responsabbiltajiet għad-diversi passi tal-proċessi tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni.
- Inaqqsu b'mod drastiku s-setgħat investigattivi ta' qabel il-proċess li attwalment huma f'idejn is-Servizz ta' Sigurtà għal-intelligence u l-counter-intelligence.
- Jiżguraw l-ispeċjalizzazzjoni tal-mħallfin u l-prosekuzzjoni għal każi ta' kriminalità organizzata.
- Jiżguraw l-effikaċja ta' 'unità għall-protezzjoni tax-xhieda' speċjalizzata skont standards internazzjonali.

2.3.1.2. Traffikar tal-bnedmin

Il-qafas legali attwali huwa wiesa' u jipprovd i opportunitajiet biex jirrispondi għall-isfidi kkawżati minn traffikar tal-bnedmin fil-livelli lokali, nazzjonali u internazzjonali. Il-qafas wassal għall-identifikazzjoni ta' vittmi, u għall-prosekuzzjoni u l-kundanna ta' min iwettaq ir-reati. Madankollu, l-għadd ta' vittmi identifikati uffiċjalment naqas, u dan imur kontra l-valutazzjonijiet internazzjonali tal-industrija b'saħħitha tas-sess fl-Ukrajna. Aktar taħriġ u

programmi ta' sensibilizzazzjoni għas-setturi kollha huma regolament impenjati u mwettqa fl-Ukrajna.

Il-parametru referenzjarju dwar it-traffikar tal-bnedmin huwa meqjus li ntlaħaq parzjalment, iżda bi prospetti tajbin għal aktar progress. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna:

- Jivvalutaw ir-raġunijiet għat-tnaqqis fl-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar għas-sess u jikkunsidraw approċċ aktar proattiv fil-konfront tal-industrija tas-sess.
- Jissorveljaw it-tendenzi emerġenti potenzjali b'rabta mat-traffikar tal-bnedmin, speċjalment fil-kuntest tal-kunflitt (it-traffikar intern, it-traffikar tat-tfal).
- Issaħħu l-proċess tal-identifikazzjoni, inkluża l-identifikazzjoni ta' vittmi barranin, billi jissorveljaw u jeżaminaw il-livell għoli ta' rifjuti.
- Ikomplu jipprovdu taħriġ sistematiku għall-uffiċjali dwar ir-rwol u r-responsabbiltajiet tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċess ta' identifikazzjoni.
- Jiżguraw finanzjament trasparenti għal azzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'mod speċjali l-għoti ta' għajjnuna lill-vittmi.
- Jimplimentaw sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-pjan ta' azzjoni eżistenti u għall-pjan mill-2016 'il quddiem. Dan għandu jinkludi rwol ċar għal organizzazzjonijiet mhux governattivi, u fondi suffiċjenti għall-parteciġazzjoni effettiva tagħhom.
- L-istatus tal-NGOs taħt il-mekkaniżmu ta' referenza nazzjonali għandu jiġi formalizzat u jiġi stabbiliti mekkaniżmi li jiżguraw l-aċċess tagħhom għal finanzjament mill-Istat.

2.3.1.3. Il-prevenzjoni tal-korruzzjoni u u l-ġlieda kontriha

Il-progress li sar s'issa dwar politiki kontra l-korruzzjoni kien b'mod partikolari fil-livell leġislattiv u dwar xi passi preparatorji għal organu istituzzjonali ġdid. F'Ottubru tal-2014, ġiet adottat pakkett kontra l-korruzzjoni, inkluża strateġija nazzjonali għall- 2014-17, li stabbilixxa s-sisien għal qafas istituzzjonali ġdid għal politiki ta' prevenzjoni. Ċerti nuqqasijiet fil-liġi dwar il-Bureau Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni ġew indirizzati fi Frar tal-2015, inklużi salvagwardji għas-salarji tal-persunal u qafas għal uffiċċju tal-prosekuzzjoni speċjalizzat kontra l-korruzzjoni. Ir-reklutaġġ tat-tmexxija tal-Bureau, wara kompetizzjoni miftuħa, ġestita minn kummissjoni indipendenti, ġie ffinalizzat fis-16 ta' April 2015, meta l-President ħatar id-direttur tal-Bureau. Ir-reġistru ċentrali tal-kumpaniji qed jitlesta b'dejta dwar is-sjieda benefiċjarja. Sar progress fit-tnaqqis tal-eżenzjonijiet fl-akkwist pubbliku. Madankollu, f'tit li xejn hemm prijoritizzazzjoni u koerenza fl-implimentazzjoni, fatt li jwassal għal approċċ frammentat għal dak li diġà huwa proċess wiesa' ħafna. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja t-tqegħid fis-seħħ ta' salvagwardji kontra l-korruzzjoni għal privatizzazzjonijiet, għall-kumpaniji tal-Istat jew ikkontrollati mill-Istat kif ukoll l-akkwist pubbliku kbir; l-adozzjoni ta' leġislazzjoni li tirrefletti r-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO dwar l-iffinanzjar tal-partiti u l-kampanji elettorali u s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u kwadru realistiku f'dak li jirrigwarda l-eżerċizzju ta' 'tindif' tal-gradji tal-imħallfin u l-prosekuturi previsti mill-awtoritajiet Ukraini.

Il-parametru referenzjarju ta' kontra l-korruzzjoni hu meqjus li ntlaħaq biss parzjalment. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna:

- Jiżguraw mekkaniżmu ta' koordinazzjoni ta' livell għoli, għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni biex tiġi implimentata l-istrateġija ta' kontra l-korruzzjoni u jiżguraw approċċ konsistenti fuq livell politiku.
- Jistabbilixxu Bureau Nazzjonali indipendenti ta' Kontra l-Korruzzjoni, uffiċċju tal-prosekuzzjoni speċjalizzat kontra l-korruzzjoni u aġenzija nazzjonali għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni, b'linji gwida ċari għal kooperazzjoni bejn l-aġenziji.
- Jistabbilixxu proċeduri biex jiżguraw: il-pubblikazzjoni f' waqtha tad-dikjarazzjonijiet tal-assi kurrenti kollha; il-verifika effettiva tal-assi u l-kunflitti ta' interess tal-uffiċjali pubbliċi; l-operabbiltà sħiħa u l-preċiżjoni ta' bażijiet tad-dejta elettroniċi ċentrali, inkluż dwar id-dikjarazzjonijiet tal-assi u s-sjieda benefiċjarja; portal tal-web u unifikat li jiddivulga n-nefqa pubblika.
- Jistabbilixxu Uffiċċju nazzjonali għall-Irkupru tal-Assi u ta' kordinazzjoni effettiva bejn l-aġenziji biex jiġi stabbilit rekord għall-irkupru tal-assi.
- Isegwu r-riformi tal-immunità relatati ma' mħallfin u Membri tal-Parlament.

2.3.1.4. Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu

Il-qafas leġiżlattiv u politiku dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus huwa kkonsolidat, b'konformità mal-istandards Ewropej u internazzjonali. Fl-14 ta' Ottubru 2014, il-Parlament tal-Ukrajna adotta l-liġi dwar il-prevenzjoni u l-azzjoni kontra l-legalizzazzjoni (ħasil tal-flus) tar-rikavat minn attivit kriminali jew il-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll il-finanzjament tal-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva, li daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Frar 2015. Il-liġi għib lill-Ukrajna pass importanti eqreb lejn il-konformit mar-rakkomandazzjonijiet il-ġodda tal-2012 tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja dwar il-ħasil tal-flus, u anke mar-raba' direttiva tal-UE dwar il-ħasil tal-flus.

Il-parametru referenzjarju dwar il-ħasil tal-flus huwa meqjus li kważi ntlaħaq. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna:

- Jiżguraw li l-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna jkompli jieħu miżuri kontra dawk il-banek li ma jiżvelawx sjieda benefiċjarja aħħarija.
- Jiżguraw l-identifikazzjoni effikaċi tal-klijenti fir-rigward tal-varjeta tas-servizzi offruti minn entitajiet legali jew aġenti (eż: servizzi ta' 'webmoney').
- Jistabbilixxu unit speċjalizzata li tiffoka fuq il-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet dwar il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.
- L-introduzzjoni ta' pjan ta' taħriġ koordinat tista' tappoġġa l-kwalit tal-investigazzjonijiet.

2.3.1.5. Drogi

L-Istrateġija Nazzjonali Kontra d-Droga u l-pjan ta' azzjoni relatat qed ikomplu jiġu implimentati permezz tat-tieni pjan ta' azzjoni għall-perijodu 2015-20. Fil-25 ta' Marzu 2015, ir-regolamenti dwar il-Ministeru tas-Saħħa u dwar is-Servizz tal-Istat għad-Drogi Mediċinali ġew approvati permezz ta' riżoluzzjoni tal-Gvern. Dawn ir-regolamenti ikkonfermaw it-tneħħija tas-Servizz tal-Istat u t-trasferiment ta' funzjonijiet ta' politika tad-droga lill-Ministeru tas-Saħħa. L-implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil maċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ilu fis-seħħ mill-2010 u huwa implimentat b' mod sħiħ.

Abbażi tar-riżultanzi ta' hawn fuq, **huwa meqjus li l-parametru referenzjarju kontra d-droga kważi ntlaħaq**. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna:

- Jirfinaw il-pjan ta' azzjoni sabiex jinkludu d-dati ta' skadenza għal kisbiet prinċipali u jħejju valutazzjoni tal-impatt tal-azzjonijiet ippjanati.
- Iqisu d-dispożizzjonijiet ta' konsolidament li jirregolaw il-kwistjonijiet tad-droga fi strument legali uniku, pereżempju Kodiċi tad-Droga.
- Jiżguraw biżżejjed miżuri mmirati lejn id-detezzjoni u l-konfiska ta' rikavat minn attività kriminali.

2.3.2. Kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali

L-Ukrajna għandha qafas legali li jkopri kompletament l-oqsma rilevanti ta' kooperazzjoni bħall-assistenza reċiproka, l-estradizzjoni, it-trasferiment ta' persuni sentenzjati, it-trasferiment ta' proċedimenti kriminali u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi kriminali barranin. L-Ukrajna hija Stat parti tas-73 trattati internazzjonali fl-isfera tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li 50 minnhom huma bilaterali u 23 huma multilaterali. L-iffirmar tal-abbozz ta' ftehim dwar il-kooperazzjoni mal-Eurojust hu miżmum sakemm isiru l-emendi għal-leġiżlazzjoni tal-Ukrajna dwar il-protezzjoni tad-dejta. Id-dispożizzjonijiet meħtieġa daħlu fis-seħħ fl-2014 u b'hekk ġew żblukkati proċeduri ulterjuri. L-iffirmar tal-ftehim għandu jsegwi fil-futur qrib.

Abbażi tar-riżultanzi ta' hawn fuq u sakemm jiġi ffirmat il-Ftehim tal-Eurojust, il-**parametru referenzjarju dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali hu meqjus li għandu jintlaħaq**.

2.3.3. Kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi

Il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji differenti tal-infurzar tal-liġi hija soġġetta għal riformi kumplessi. Ir-riforma mnedija reċentement dwar il-pulizija tar-ronda hija prijorità, meħtieġa sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini u titnaqqas il-perċezzjoni tal-korruzzjoni. L-aġenziji tal-infurzar tal-Liġi tal-Ukrajna jikkooperaw mal-Interpol fl-iskambju ta' informazzjoni. Il-ftehim operazzjonali mal-Europol, li jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali, ġie ffirmat fid-19 ta' Marzu tal-2015.

Il-parametru referenzjarju dwar l-infurzar tal-liġi **huwa meqjus li kważi ntlaħaq**. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna:

- Itejbu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji permezz tal-istabbiliment ta' pjattaforma li kapaċi torbot bejniethom is-sistemi tal-infurzar tal-liġi eżistenti fil-pajjiż kollu.
- Iħaffu l-proċedura diġà mibdija għall-konklużjoni ta' ftehim operazzjonali tal-Europol billi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Applikazzjoni tal-Europol ta' Network Sikur għall-Iskambju ta' Informazzjoni.
- Jikkunsidraw l-iżvilupp ta' rapport nazzjonali ta' valutazzjoni kklassifikata ta' theddid skont il-linji tal-istruttura u l-metodoloġija tal-Europol tal-Valutazzjoni tat-Theddid tal-Kriminalità Serja u Organizzata.

2.3.4. Protezzjoni tad-data

L-Ukrajna qed timplimenta b'mod sodisfaċenti l-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta personali u qed tiżgura l-funzjonament effiċjenti ta' awtorità superviżorja indipendenti. Għe stabbilit id-Dipartiment għall-Protezzjoni tad-Dejta Personali fl-Uffiċċju tal-Ombudsman, u se jiġi msaħħaħ iktar biex jassumi b'għal kollox ir-responsabbiltajiet tiegħu.

Il-parametru referenzjarju dwar il-protezzjoni tad-dejta personali huwa meqjus li kważi ntlaħaq. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna:

- Ikompli jsaħħu d-Dipartiment għall-Protezzjoni tad-Dejta.

2.4. Blokk 4: Relazzjonijiet esterni u drittijiet fundamentali

Minkejja sfidi interni u esterni sostanzjali li l-pajjiż qed iħabbat wiċċu magħhom, l-Ukrajna għamlet progress fl-implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti marbuta mar-relazzjonijiet esterni u d-drittijiet fundamentali.

2.4.1 Il-moviment liberu fl-Ukrajna

L-awtoritajiet Ukraini wrew progress fl-iżgurar li l-moviment liberu fl-Ukrajna taċ-ċittadini Ukraini u barranin li jkunu qed jirrisjedu legalment jew persuni apolidi ma jkunx soġġett għal restrizzjonijiet mhux ġustifikati. L-awtoritajiet qed jimplementaw il-qafas legali dwar il-libertà ta' moviment u hađu passi biex jestendu d-dispożizzjonijiet tiegħu billi jagħmluh applikabbli għal ċittadini li jgħixu f'territorji li mhumiex taħt il-kontroll effettiv tal-awtoritajiet tal-Ukrajna. L-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni tal-barranin hija pubblika u disponibbli onlajn.

Il-parametru referenzjarju tal-moviment liberu huwa meqjus li ntlaħaq. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna:

- Jiżguraw li l-istatus tal-HIV/AIDS m'għandux jintuża bħala ġustifikazzjoni għal restrizzjoni fuq il-libertà ta' moviment jew l-għażla ta' residenza meta wieħed japplika għal permess ta' immigrazzjoni.
- Jiżguraw li l-miżuri adottati f'dak li għandu x'jaqsam mal-moviment lejn u minn territorji li mhumiex taħt il-kontroll effettiv tal-awtoritajiet tal-Ukrajna jkunu bbażati fuq kriterji legali ċari u li ma jpoġġux piż amministrattiv żejjed fuq iċ-ċittadini.

2.4.2 Il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għall-ħruġ ta' dokumenti ta' vjaġġar u ta' identità

L-awtoritajiet Ukraini wrew progress fl-iżgurar li ċ-ċittadini Ukraini kollha jkollhom aċċess effettiv għal dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar. Il-qafas legali li jirregola l-aċċess għad-dokumenti tal-ivvjaġġar u tal-identità għaċ-ċittadini Ukraini kollha qed jiġi implimentat.

Il-parametru referenzjarju huwa meqjus bħala li ntlaħaq.

2.4.3 Id-drittijiet taċ-ċittadini inkluża l-protezzjoni tal-minoranzi

Fir-rigward tar-reati kontra d-diskriminazzjoni, ġie stabbilit il-korp tal-ugwaljanza immexxi mill-Kummissarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Bniedem. F'kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili, hu jimmaniġġa u b'mod proattiv jissorvelja l-implimentazzjoni tal-liġi dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, inkluż permezz tal-istrateġija 2014-17 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-Ukrajna. F'dan il-qasam qed tiżviluppa każistika. Il-liġi kontra d-diskriminazzjoni jeħtieġ li tiġi ċċarata f'xi aspetti. Madankollu, ir-riżorsi mogħtija lill-korp tal-ugwaljanza ma jirriflettux ir-rwol u s-setgħat legali miżjuda tiegħu. Il-politiki kontra d-diskriminazzjoni u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni huma fil-biċċa l-kbira mwettqa minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, ħafna drabi ffinanzjati minn organizzazzjonijiet internazzjonali. L-Ukrajna timplimenta f'livell raġonevoli l-qafas legali dwar il-protezzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali.

Il-parametru referenzjarju tal-ażil huwa meqjus li ntlaħaq parzjalment, bi prospettu tajba għal aktar progress. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna:

- Jiżguraw permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja jew każistika li l-liġi kontra d-diskriminazzjoni (derogi, sanzjonijiet, kumpens, kamp ta' applikazzjoni, eċċ.) jiġu interpretati u implimentati f'konformità ma' standards internazzjonali u Ewropej.
- Jappoġġaw il-politiki dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni billi jallokaw biżżejjed riżorsi baġitarji u umani biex jiżguraw l-implimentazzjoni sostenibbli tagħhom; jipprovdu l-korp tal-ugwaljanza b'riżorsi baġitarji u umani adegwati.
- Jemendaw il-Kodiċi tax-Xogħol li jipprojbixxi b'mod espliċitu d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali.
- Jintensifikaw il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.
- Jadottaw strateġija tal-gvern dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.
- Jipprovdu lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, il-prosekuturi u l-imħallfin b'approċċ aktar sistematiku u permanenti għal taħriġ dwar il-leġiżlazzjoni u l-politiki kontra d-diskriminazzjoni, inkluż permezz ta' rabtiet imsaħħa ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.
- Iżommu djalogu permanenti u effettiv bejn persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali u partijiet interessati oħra, sabiex jiġu indirizzati biżgħat possibbli ġġenerati mill-kunflitt fil-lvant tal-Ukrajna, mill-kriżi ekonomika u mis-sinjali perċepiti taż-żieda fin-nazzjonaliżmu.

3. IL-VALUTAZZJONI ĠENERALI U L-PASSI LI JMISS

Il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni tal-Ukrajna tal-parametru referenzjarju tat-tieni fażi tal-pjan ta' azzjoni dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża, skont il-metodoloġija stabbilita. L-UE komplet timmonitorja l-progress li sar mill-Ukrajna fl-oqsma relatati mal-PALV fil-Kumitat Konġunt UE-Ukrajna għall-Kumitat Konġunt tal-Faċilitazzjoni tal-Viża, fil-Kumitat ta' Riammissjoni UE-Ukrajna, fis-Sottokumitat UE-Ukrajna dwar il-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà, u d-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, kif ukoll fid-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. F'kull wieħed minn dawn il-fora, l-istat ta' djalogu u kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna huwa kkunsidrat avvanzat ħafna.

Minħabba ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali u sfidi interni u esterni li qiegħda tiffaċċja, il-progress miksub mill-Ukrajna fl-erba' blokok tal-PALV kien notevoli. L-isforzi sinifikanti li saru mill-awtoritajiet tal-Ukrajna biex jimplimentaw il-PALV bħala prijorità nazzjonali wasslu għal qafas leġiżlattiv u impenn għal ambjenti istituzzjonali li ta' min ifaħħarhom. Madankollu, imbuttatura komprensiva, diretta mill-ogħla livell, jeħtiegħ li tkompli sabiex tiżgura li l-prijoritajiet ikunu rikonoxxuti fil-livelli kollha għall-implimentazzjoni effettiva ta' riformi.

Fid-dawl tal-progress konsiderevoli li sar fix-xhur li għaddew, il-Kummissjoni hija lesta li tqassar il-perjodu sar-rapport li jmiss, sakemm ikompli jsir il-progress rapidu abbażi tal-parametri referenzjarji u s-sitwazzjoni attwali, kif spjegat aktar f'dan ir-rapport u fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

Madankollu, xorta waħda huma meħtieġa aktar sforzi sostnuti f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet inklużi f'dan ir-rapport. Huwa essenzjali wkoll li jkomplu jiġu organizzati kampanji ta' informazzjoni ffukati bil-għan li jiċċaraw id-drittijiet u l-obbligi ta' vjaġġar mingħajr viża, u dwar ir-regoli rigward l-aċċess għas-suq tax-xogħol fl-UE.

Jekk twettaq l-azzjonijiet meħtieġa f'dan ir-rapport l-Ukrajna tkun tista' ttejjem l-implimentazzjoni tal-parametri referenzjarji tat-tieni fażi tal-PALV. Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja u tagħmel l-almu tagħha biex tappoġġa lill-Ukrajna fl-implimentazzjoni tal-PALV u se tirrapporta dwar il-progress sa tmiem l-2015.